

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI Nru 1/2016 TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-PLO

tat-18 ta' Frar 2016

**li tissostitwixxi l-Protokoll Nru 3 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju, dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-medda ta' Gaża, minn naħa l-oħra, li jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva [2016/1256]**

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-PLO,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju, dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-medda ta' Gaża, minn naħa l-oħra <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Protokoll Nru 3 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju, dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-medda ta' Gaża, minn naħa l-oħra, li jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva,

Billi:

- (1) L-Artikolu 25 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju, dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-medda ta' Gaża, minn naħa l-oħra ("il-Ftehim") jirreferi għall-Protokoll 3 tal-Ftehim ("il-Protokoll 3") li jstabbilixxi r-regoli tal-oriġini u jipprovdi għal akkumulazzjoni ta' oriġini bejn l-Unjoni Ewropea, l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, u Partijiet Kontraenti oħrajn għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji <sup>(2)</sup> ("il-Konvenzjoni").
- (2) L-Artikolu 39 tal-Protokoll 3 jistipula li l-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 63 tal-Ftehim jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dak il-protokoll.
- (3) Il-Konvenzjoni għandha l-għan li b'att legali wieħed, tissostitwixxi l-protokoll dwar ir-regoli tal-oriġini li jinsabu fis-seħħ bħalissa fost il-pajjiżi taż-żona pan-Ewro-Mediterranja.
- (4) L-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, iffiraw il-Konvenzjoni fil-15 ta' Ġunju 2011 u fit-18 ta' Settembru 2013 rispettivament.
- (5) L-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, iddepożitarju l-istrumenti tagħhom ta' aċċettazzjoni għand id-depożitarju tal-Konvenzjoni fis-26 ta' Marzu 2012 u fis-27 ta' Mejju 2014 rispettivament. Konsegwentement, skont l-Artikolu 10(3) tal-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fil-konfront tal-Unjoni Ewropea u tal-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, fl-1 ta' Mejju 2012 u fl-1 ta' Lulju 2014 rispettivament.
- (6) Il-Protokoll 3 għandu għalhekk jiġi sostitwit bi protokoll ġdid li jagħmel referenza għall-Konvenzjoni,

<sup>(1)</sup> ĠUL 187, 16.7.1997, p. 3.

<sup>(2)</sup> ĠUL 54, 26.2.2013, p. 4.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll Nru 3 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju, dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-medda ta' Gaża, minn naħa l-oħra, li jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, għandu jiġi sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni:

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Marzu 2016.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Frar 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt*

*Il-President*

C. BERGER

\_\_\_\_\_

## ANNEX

**PROTOKOLL 3**

**dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u dwar metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

*Artikolu 1***Regoli ta' oriġini applikabbli**

1. Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, għandhom japplikaw l-Appendiċi I u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji <sup>(1)</sup> (il-Konvenzjoni).
2. Ir-referenzi kollha għal "ftehim rilevanti" fl-Appendiċi I u fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji għandhom jiġu interpretati bħala li jfissru dan il-Ftehim.

*Artikolu 2***Soluzzjoni ta' tilwim**

1. Meta b'rabta mal-proċeduri ta' verifika stipulati fl-Artikolu 32 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni jinqala' xi tilwim li ma jkunx jista' jissolva bejn l-awtoritajiet doganali li jkunu qed jitolbu l-verifika u l-awtoritajiet doganali li jkunu responsabbli għat-twettiq ta' din il-verifika, tali tilwim għandu jitressaq quddiem il-Kumitat Konġunt.
2. Fil-każijiet kollha s-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-importatur u l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni għandha titwettaq skont il-leġislazzjoni tal-pajjiż imsemmi.

*Artikolu 3***Emendi għall-Protokoll**

Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 4***Irtirar mill-Konvenzjoni**

1. Jekk jingħata avviż bil-miktub jew mill-Unjoni Ewropea jew mill-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-medda ta' Gaża lid-depożitarju tal-Konvenzjoni dwar l-intenzjoni tagħhom li jirtiraw mill-Konvenzjoni skont l-Artikolu 9 tagħha, l-Unjoni u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-medda ta' Gaża għandhom immedjatament jidħlu f'negozjati dwar ir-regoli tal-oriġini għall-iskop tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.
2. Dawn ir-regoli tal-oriġini li jinsabu fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni u, fejn xieraq, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tagħha, applikabbli fil-mument ta' rtirar, għandhom jibqgħu japplikaw għal dan il-Ftehim sakemm jidħlu fis-seħħ ir-regoli ta' oriġini appena nnegozjati. Madankollu, mill-mument tal-irtirar, ir-regoli tal-oriġini li jinsabu fl-Appendiċi I u, fejn xieraq, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni, għandhom jiġu interpretati b'mod li jippermetti akkumulazzjoni bilaterali bejn biss l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-medda ta' Gaża.

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 54, 26.2.2013, p. 4.